**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum id-19 ta' Settembru, 2024**

**Rikors numru: 45/2024/CV**

**Polidano Brothers**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tas-soċjeta' appellanti, bħala żviluppatriċi tas-sit fl-indirizz 4, Sunflower, Dawret Ħal-Għaxaq, Triq Birżebbuġia, Għaxaq, li permezz tiegħu talbet li d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni ta' nhar id-29 ta' Lulju, 2024, li ordnat it-twaqqif ta' kwalunkwe żvillup fis-sit in kwistjoni u l-imposizzjoni ta' penali amministrattiva fl-ammont ta' elfejn Ewro tiġi sospiża pendenti d-deċiżjoni finali tal-appell odjern.

Ra li fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Settembru, 2024, l-Awtorita' appellata rremettiet ruħha għad-deċiżjoni tat-Tribunal;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li r-rikors tħalla għad-deċiżjoni għal-llum.

**Ikkunsidra**

Illi din hija deċiżjoni preliminari rigward it-talba sabiex id-deċiżjoni tal-Awtorita' ta' nhar id-29 ta' Lulju, 2024 li permezz tagħha ordnat it-twaqqif ta' kwalunkwe żvillup fis-sit in kwistjoni u l-imposizzjoni ta' penali amministrattiva fl-ammont ta' elfejn Ewro tiġi sospiża pendenti d-deċiżjoni finali tal-appell odjern.

Dan it-Tribunal qed jagħmilha ċara li din ma hijiex deċiżjoni dwar il-mertu u bl-ebda mod ma huwa ser ikun qed jidħol fil-mertu tal-kwistjoni permezz ta' din id-deċiżjoni. Għaldaqstant dan it-Tribunal ma huwiex ser ikun qed jagħmel l-analiżi aħħarija jekk l-Awtorita' intimata kinitx korretta fl-ordni tat-twaqqif tax-xogħlijiet u l-imposizzjoni tal-penali in kwistjoni. Dak ser jiġi deċiż fid-deċiżjoni finali ta' dan it-Tribunal.

Il-fakolta' li appellant jitlob is-sospensjoni ta' deċiżjoni tal-Awtorita' toħroġ mill-artikolu 45 tal-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid:

*45. Appell ma għandux jissospendi l-effetti tad-deċiżjoni appellata:*

*B'dana illi l-appellant jista' jitlob is-sospensjoni tal-ordni, ruling jew deċiżjoni appellata sakemm jinqata' l-appell.*

Il-leġislatur kien pjuttost xott u ma pprovda ebda parametri lil dan it-Tribunal fuq liema kriterji għandu jilqa' talba għas-sospensjoni. Għaldaqstant ħalla dan l-eżami fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal sabiex jiddetermina hu l-parametri li fuqhom għandu jibbaża din id-deċiżjoni.

Huwa evidenti li l-fakolta' tas-sospensjoni hija mnebħa minn mekaniżmu identiku mogħti lit-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar permezz ta' artikolu 33 tal-Kap. 551. Dan il-mekkaniżmu huwa bbażat fuq il-premessa li l-preġudizzju kkawżat jekk ma tiġix sospiża id-deċiżjoni tkun tali li tkun sproporzjonata meta mqabbel mal-preġudizzju kkawżat jekk tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-permess.

Dan it-Tribunal m'għandux dawn il-limiti jew sa ċertu punt linji gwida għall-analiżi tiegħu. Pero' dan it-Tribunal huwa konvint li għandha tkun din l-istregwa li huwa għandu jadotta sabiex jasal għad-deċiżjoni finali tiegħu. Għaldaqstant dak li jrid jidettermina dan it-Tribunal huwa jekk it-tkomplija tax-xogħlijiet in kwistjoni jistax ikun ta' preġudizzju sproporzjonat meta kkumparat mat-twaqqif tal-istess xogħlijiet.

It-Tribunal jinnota li mill-provi prodotti jirriżulta li dak li wassal għall-ordni in kwistjoni kienet it-tip ta' makkinarju użat sabiex isir l-iskavar tas-sit in kwistjoni. L-Awtorita' ssostni li dan wassal sabiex il-miżuri ndikati fid-dikjarazzjoni tal-metodu ma kienux qed jiġu osservati fl-implimentazzjoni tagħhom.

It-Tribunal jinnota ukoll li permezz ta' korrispondenza elettronika, l-Awtorita' ikkonfermat li in segwitu tal-ordni in kwistjoni intbagħtet dikjarazzjoni tal-metodu riveduta u li din id-dikjarazzjoni ġiet approvata mill-istess Awtorita' nhar l-1 ta' Awwissu, 2024.

B'hekk dan ifisser li s-soċjeta' appellanta issa għandha fis-seħħ dikjarazzjoni tal-metodu ġdida li hija għandha timplimenta fl-iskavar tas-sit in kwistjoni. Dan ifisser ukoll li l-Awtorita' intimata qiegħda tapprova l-metodu li qed jiġi propost għall-iskavar. It-Tribunal iqis li in vista' ta' dan ma hemmx lok li x-xogħol jinżamm wieqaf dment li jkun hemm fis-seħħ dikjarazzjoni ta' metodu li hija approvata u li s-soċjeta' appellata timxi mal-istess dikjarazzjoni metodu. Dan qed jingħad mingħajr ebda preġudizzju għas-sentenza finali u mingħajr ma t-Tribunal jidħol fil-mertu jekk dak li sar nhar is-26 ta' Lulju, 2024 kienx permessibli li jsir jew le. Il-preġudizzju li s-soċjeta' appellanta tista' ssofri kawża tas-sospensjoni tax-xogħlijiet huwa ferm akbar għas-soċjeta' appellanta *stante* li ma ġiet preżentata ebda raġuni valida għala din għandha tibqa' fis-seħħ. Lanqas ma jista' jiġi argumentat li t-tkomplija tax-xogħlijiet sejjer b'xi mod jippreġudika l-proċeduri odjerni.

Għaldaqstant dan it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' t-talba għas-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' nhar id-29 ta' Lulju, 2024 u jordna lill-Awtorita' sabiex b'mod proviżorju tissospendi d-deċiżjoni tagħha tad-29 ta' Lulju, 2024.

**Decide**

Għaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba għas-sospensjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorita' ta' nhar id-29 ta' Lulju, 2024 u jordna lill-Awtorita' intimata' sabiex l-istess ordni tiġi sospiża b'mod proviżorju pendenti l-eżitu finali ta' dawn il-proċeduri.

**************** VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL****************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Robert Sarsero** | **Inġ. Johan Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |